Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25

Data tal-laqgħa: 18 ta' Ġunju 2026

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.17pm.

## 25.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

25.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

25.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 24. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

25.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku EG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG, il-minuti ġew approvati.

**F’dan il-ħin (5.18pm) il-Kunsillier MLB daħlet għal-laqgħa.**

## 25.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

25.3.1 Para 24.3.1 - Talba biex issir mera fi Triq il-Papa Alessandru VII biex jaraw huma u ħerġin mill-garaxx
Is-SE infurmat li l-amministratur baqa’ ma tax risposta u l-mera baqgħet ma twaħħlitx. Se nibgħatu l-aħħar tfakkira u niċċekkjaw x’nistgħu nagħmlu f’każ li jibqa’ ma jwaħħalx il-mera.

25.3.2 Para 24.3.2 - Dawl dekorattiv mas-siġar tal-pjazza
Is-SE infurmat li l-*fencing* tal-injam ma setax jitwaħħal għax il-konok mimlijin bl-għeruq tas-siġar u m’hemmx ħamrija. Ġie ssuġġerit li jiġi ppruvat metodu alternattiv, billi jiddaħħlu vireg fil-post u l-*fencing* tal-injam jitwaħħal magħhom.

25.3.3 Para 24.3.5 - *Stormwater Culvert* f’Wied Ħal Balzan
Is-Sindku informa li IM aċċettaw li jirranġawh huma. Ix-xogħol se jsir malli joħroġ il-permess neċessarju.

25.3.4 Para 24.4.3 - Bust ta’ Mons. Dun Ġwann Dimech
Is-Sindku informa li l-iskultur lesta l-bust. Se nibgħatu ritratt tal-bust lill-Perit biex jibda l-proċess biex napplikaw għall-permess mal-PA.

25.3.5 Para 24.10 - Tħassib dwar it-traffiku u s-sigurtà fi Triq Birbal waqt il-ħin tal-ġbir tal-istudenti mill-iskola
Ġiet innutata r-risposta tal-Kap tal-Iskola, fejn spjegat li l-vannijiet għadhom jaslu qabel il-ħin stabbilit minkejja l-miżuri li ttieħdu. Infurmat li l-kwistjoni ġiet diskussa mal-Pulizija tal-Komunità u se tiġi kkomunikata wkoll lill-kumpaniji tat-trasport.

## 25.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

25.4.1.1 *Bus Stop* ta’ fejn l-istatwa ta’ Santa Marija fi Triq il-Kbira
Is-Sindku informa li aktar kmieni llum kellu laqgħa ma’ TM dwar il-*bus stop* li tressaq quddiem l-istatwa tal-Santa Marija. Ġie spjegat li TM assolutament ma jridux li l-*bus stop* terġa’ titpoġġa fil-post oriġinali tiegħu, peress li din taffettwa direttament lir-residenti.

**F’dan il-ħin (5.32pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-5.33pm.**

25.4.1.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jipproponi żewġ (2) postijiet alternattivi:

1. Triq il-Kbira k/m Triq Robert Mifsud Bonnici (faċċata ta’ Skarpoli) jew
2. faċċata ta’ Sqaq Nru. 2 Triq il-Kbira

25.4.2 Xogħlijiet li qed isiru minn l-Enemalta plc fi Triq il-Ferrovija l-Qadima
Is-Sindku informa li bagħat diversi drabi u ċempel lill-Enemalta dwar is-sitwazzjoni tat-traffiku. Il-Kunsill issuġġerixxa li, sakemm jitlesta x-xogħol, Triq il-Kannizzata ssir *one-way* direzzjoni 'l fuq u Triq Patri Ġużе’ Delia

ssir *one-way* direzzjoni lejn Triq San Franġisk. Ġie nnutat li x-xogħol jinsab fi stadju avvanzat u mistenni jitlesta dalwaqt.

25.4.3.1 Festa 2026
Is-Sindku informa li l-bieraħ saret il-laqgħa ta' qabel il-festa mal-pulizija u l-għaqdiet li jagħtu sehemhom fil-festa.

25.4.3.2 Is-Sindku informa li dalgħodu saret laqgħa mal-kuntrattur tal-knis biex nikkoordinaw it-tindif tat-toroq wara li jgħaddu l-marċi u wara l-Festa tal-karti. Bħala parti mill-kuntratt tas-servizz, se jsir ħasil tat-toroq taż-żona tal-pjazza qabel (fil-5 ta' Lulju) u wara l-festa.

25.4.3.3 Saret talba biex wieħed mill-kjosks jiġi rilokat f'post ieħor. Ser isir kuntatt mas-sid biex jiġi vverifikat jekk jaċċettax din il-proposta.

25.4.4.1 *iBINS* f'Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina
Ġiet diskussa mill-ġdid il-problema tar-rimi illegali ta' skart madwar il-kontenituri tal-*iBINS*. Is-Sindku informa li l-Ġimgħa li għaddiet il-Kunsill qabbad kuntrattur biex inaddaf iż-żona għas-spejjeż tiegħu, iżda sal-għada reġa' ntefa' skart illegalment fl-istess post.

**F'dan il-ħin (5.42pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-5.44pm.**

25.4.4.2 Bħala Kunsill ktibna lill-GreenPak diversi drabi biex innaqqsu l-ammont tal-kontenituri, iżda ma waslet l-ebda tweġiba. Ġie deċiż li jitkabbru s-sinjali eżistenti u jsiru ta' kulur aħmar biex ikunu aktar viżibbli, kif ukoll li tiġi evalwata l-possibbiltà li jiżdied id-dawl fiż-żona tal-kontenituri.

## 25.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

25.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 25.6 L-Ittra ta' Direzzjoni 2025 u r-Risposta tal-Kunsill

25.6.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-Ittra ta' Direzzjoni 2025 u r-risposta ssuġġerita tal-Kunsill. Kopja ta' dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

25.6.2 Fuq proposta tal-Kunsillier AG, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku EG, ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni ġiet approvata unanimament.

## 25.7 Rapporti

25.7.1 *Tender for Works in Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan* – Talba għal *Direct Order*
Is-SE infurmat lit-talba għall-permess biex ix-xogħol isir permezz ta' *Direct Order*, ma ġietx approvata mid-DGL. Għaldaqstant, se terġa' tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

## 25.8 Skemi Finanzjarji

25.8.1.1 SPI/SCI/05/2026 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għal skema SPI/SCI/05/2026 li tinkludi d-dettalji tal-proġett ta' installazzjoni ta' sistema ta' irrigazzjoni f'Wesgħa Ġiġi Gauci. Jekk l-applikazzjoni tiġi approvata, l-iskema ser tkun qed tkopri 85% tal-ispiża.

25.8.1.2 Il-Kunsill permezz ta' riżoluzzjoni unanimament approva li jissottometti l-applikazzjoni. Il-Kunsill approva wkoll li jiffinanzja 15% tal-ispiża.

**F'dan il-ħin (5.56pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-6.03pm.**

## 25.9 Jum Ħal Balzan 2026

25.9.1.1 Jum Ħal Balzan

Bil-kontra ta' li sar is-sena l-oħra, is-Soċjetà Filarmonika Marija Annunzjata se jdoqqu fis-serata mużikali tas-Sibt 24 ta' Ottubru 2026 filgħaxija, filwaqt li l-Każin tal-Banda San Gabriel il-Ħadd 25 ta' Ottubru 2026 filgħodu. Għas-serata tas-Sibt, il-*performance* prinċipali se tkun minn Spiteri Lucas Band (4-*piece band* u 2 kantanti).

25.9.1.2 Għas-serata tas-Sibt, se jiġu mistiedna ż-żewġ Każini tal-Baned, iż-żewġ Każini politiċi u ċ-Ċentru taż-Żgħażagħ biex jarmaw *stands* bl-ikel.

25.9.1.3 L-attività tal-Ħadd se tikkonsisti f'Quddies ta' Ringrazzjament, marċ mill-Banda Filarmonika Marija Annunzjata, Għotja ta' Ġieħ Ħal Balzan.

25.9.2 <u>Ġieħ Ħal Balzan</u>
In-nominazzjonijiet se jkunu miftuħa sa ftit ġranet qabel il-laqgħa li jmiss, biex jiġu diskussi.

## 25.10 *CCTVs* ġodda

25.10.1 Is-Sindku qed jerġa' jirreferi għal numru ta' ilmenti dwar is-*CCTV cameras* li qed jiġu installati f'numru ta' żoni f'Ħal Balzan, b'mod partikolari dawk fi Triq San Franġisk k/m Triq il-Kbira u fi Pjazza Bertu Fenech.

25.10.2 Il-Kunsill iddiskuta u kien hemm qbil li għandhom jintużaw għal skopijiet ta' sigurtà, u mhux biex isir infurzar ta' parkeġġ illegali.

## 25.11 Xogħlijiet minn Infrastructure Malta

25.11.1 <u>Pjan ta' toroq għas-snin li ġejjin</u>
Is-Sindku qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill, il-lista tat-toroq li għandhom bżonn isiru, skont l-ordni ta' prijorità (Annessa – DOK 1). Din il-lista ġiet approvata mill-Kunsill u ser tintbagħat lil IM.

## 25.12 *Traffic Management* fi Triq il-Kannizzata

25.12.1 Is-Sindku rrefera għall-kwistjoni relatata mal-konġestjoni tat-traffiku li regolarment qed tinħoloq fi Triq il-Kannizzata. Xi residenti qed jissuġġerixxu li l-imsemmija triq issir kollha *one-way.*

25.12.2 Il-Kunsill iddiskuta u unanimament ġie approvat li nitolbu l-approvazzjoni ta' TM biex:

1. Triq il-Kannizzata (bejn Triq Birbal u Triq Patri Ġużè' Delia) issir *one-way* direzzjoni l'fuq lejn Triq Patri Ġużè' Delia;
2. Triq Patri Ġużè' Delia (bejn Triq il-Kannizzata u Triq San Franġisk) issir *one-way* direzzjoni lejn Triq San Franġisk

25.12.3 Ġie deċiż li din il-miżura tiġi applikata għal perjodu ta' prova ta' 6 xhur. Wara dan il-perjodu, il-Kunsill jevalwa r-rispons tal-pubbliku u jiddeċiedi jekk it-toroq għandhomx isiru *one-way* b'mod permanenti.

## 25.13 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

25.13.1 <u>*Claim No.* 05/2026</u>
Qed jintalab kumpens għal ħsara li ġarrab fil-vettura fit-28/03/2026 minħabba ħofor fi Triq il-Kbira. Din il-ħsara tammonta għal €484.43c. Il-Kunsill iddiskuta u m'approvax it-talba. Minn spezzjoni li saret fuq il-post jidher lit-triq mhijiex fi stat ħażin u ma nstabux ħofor li setgħu jikkawżaw il-ħsara msemmija.

25.13.2 <u>*Road markings* quddiem 177, Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>
Resident qed jitlob li l-MC Bay li hemm quddiem il-proprjetà tiegħu titneħħa u minflok jitpoġġew dyls għax qed jipparkjaw karozzi fuqha bil-konsengwenza li jostakolawlu l-aċċess tal-garaxx. Din it-talba ma ġietx approvata. Il-Kunsillier ONDG ma jaqbilx mad-deċiżjoni.

25.13.3 <u>*Road markings* quddiem 216, Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>
Residenta ilmentat peress li l-linji sofor ta' quddiem il-proprjetà tagħha jidher li ser jitqassru wara x-xogħlijiet li qed isiru minn l-Enemalta plc. Ġie nnutat lir-*road markings* se jsiru min-naħa ta' din l-entità skont ir-regolamenti ta' TM, inkluż il-provvediment ta' spazju ta' 1m fuq kull naħa ta' *driveway* jew garaxx.

25.13.4.1 <u>Ostaklu tal-aċċess ta' garaxx 31, Triq il-Kannizzata</u>

Resident qed jilmenta peress li vetturi qed jipparkjaw fuq il-linji s-sofor b'konsegwenza li jostakolawlu l-aċċess tal-garaxx. Ġie rrimarkat li hija *policy* tal-Kunsill li ma jiġux installati *bollards* maġenb il-garaxxijiet.

25.13.4.2 Bħala miżura alternattiva, jekk ir-resident jaqbel, il-Kunsill jista' jwaħħal tabella *"Park within the lines"* mal-ħajt tal-parapett tiegħu. Barra minn hekk, il-Kunsill jista' jikkunsidra li jissostitwixxi l-kaxxa s-safra eżistenti b'1m dyls fuq il-ġnub tal-garaxx. Ġie enfasizzat li f'dan il-każ l-ebda vettura, inkluż tal-proprjetarju, ma tista' tipparkja fuq id-dyls.

25.13.5.1 <u>Ostaklu tal-aċċess ta' garaxxijiet fi Triq il-Kbira, fejn Smugglers</u>

Il-Kunsill iddiskuta t-talba tar-resident rigward l-aċċess għall-garaxxijiet u l-marki tat-triq. Ġie deċiż li l-kaxxa s-safra quddiem il-garaxxijiet tiġi estiża sabiex tkopri l-wisa' kollha tad-daħla tar-rampa tal-garaxx, bil-għan li titjieb il-viżibilità u jitnaqqsu l-każijiet fejn vetturi jimblukkaw l-aċċess.

25.13.5.2 Dwar it-talba sabiex jiġi rilokat l-arblu eżistenti, il-Kunsill ma approvax. Madankollu, il-Kunsill approva wkoll l-installazzjoni ta' tabella '*Garage – Keep Clear'* fuq l-arblu eżistenti.

25.13.6.1 <u>Vetturi kbar jieqfu fi Triq l-Għerusija</u>

Is-Sindku rrefera għal ilment mingħand resident dwar vetturi kbar li qed jieqfu regolarment quddiem il-garaxx tiegħu fi Triq Għerusija, fejn dawn qed iħallu tbajja' ta' żejt u diesel fit-triq. Ir-resident talab li l-Kunsill jinvestiga s-sitwazzjoni u jikkunsidra l-installazzjoni ta' sinjali xierqa sabiex jiġi evitat il-waqfien ta' vetturi tqal f'din iż-żona.

25.13.6.2 Ġie rrimarkat li, sakemm il-vetturi jkunu liċenzjati, dawn għandhom id-dritt jipparkjaw. Ġie rrimarkat ukoll li ma jidhirx li hemm ħmieġ ta' żjut fit-triq.

25.13.7.1 <u>Talba għal kotenitur tal-iskart</u>

Ġiet innotata talba minn sid ta' ħanut f'Wied Ħal Balzan dwar problema relatata mar-rimi tal-iskart. Il-persuna kkonċernata spjegat li, minħabba n-natura tan-negozju, qed ikollhom ammont konsiderevoli ta' skart iswed li jridu jżommu fil-ħanut sakemm jasal il-jum tal-ġbir, u dan qed joħloq problemi ta' riħa u iġjene. Għaldaqstant qed jitlob li l-Kunsill jipprovdi *bin* biex jitpoġġa barra l-ħanut sabiex l-iskart ikun jista' jitpoġġa fih sakemm jinġabar mill-kollettur fil-ġurnata skedata.

25.13.7.2 Il-Kunsill iddeċieda li ma laqax din it-talba. Stabbilimenti kummerċjali huma responsabbli li jagħmlu arranġamenti privati għall-ġbir u r-rimi tal-iskart li jiġi ġġenerat mill-attività kummerċjali tagħhom.

25.13.8.1 <u>Ħsara fi proprjetà li allegatament saret minn vettura tal-BCRS</u>

Is-Sindku rrefera għal ilment li wasal mingħand resident dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq il-Providenza, fejn vann tal-BCRS waqaf fuq il-linji sofor quddiem il-proprjetà tiegħu u laqat qsari li kienu quddiem l-entratura, u kkawża ħsara. Ir-resident talab l-intervent tal-Kunsill sabiex il-BCRS tinżamm responsabbli għad-danni kkawżati u sabiex tingħata gwida dwar kif jistgħu jiġu mħarsa l-entraturi ta' proprjetajiet li ma għandhomx bankina.

25.13.8.2 Fir-rigward tal-allegata ħsara, ir-resident diġà ġie nfurmat biex jagħmel rapport mal-Pulizija sabiex il-każ jiġi investigat mill-awtoritajiet kompetenti. Ġie nfurmat ukoll li l-BCRS hija kumpanija privata li ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali, u għalhekk il-Kunsill ma jistax iżomm lill-kumpanija responsabbli għad-danni allegati.

25.13.8.3 Fir-rigward tal-qsari li jinsabu quddiem l-entratura tal-proprjetà, il-Kunsill iddeċieda li ma jsib l-ebda oġġezzjoni sabiex tinħareġ approvazzjoni formali għat-tqegħid tagħhom.

25.13.9.1 <u>Parkeġġ alternattiv</u>

Is-Sindku rrefera għal suġġeriment li wasal mingħand resident sabiex il-Kunsill jesplora l-possibbiltà li jidħol fi ftehim ma' Smart Supermarket, simili għal dak li sar bejn il-KL ta' Ħal Qormi u Lidl, biex ir-residenti jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-parkeġġ barra l-ħinijiet tal-operat.

25.13.9.2 Il-Kunsill iddiskuta u kkonkluda li ftehim ta' din in-natura ma jkunx fattibbli minħabba diversi raġunijiet.

25.13.9 <u>Servizz ta' ambulanza għal festa</u>

Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku EG, il-Kunsill approva li jikri servizz ta' ambulanza biex tkun preżenti nhar is-Sibt u l-Ħadd tal-festa.

## 25.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

25.14.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 06/26, li tinkludi l-ammont ta' €122.96c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Mejju 2026.

25.14.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku EG li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 25.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

25.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.01pm.

25.15.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 30 ta' Lulju 2026 fil-5.00pm.

Konfermati, il-Ħamis 30 ta' Lulju 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

DOK 1

## Lista ta' toroq li għandhom bżonn isiru, skont l-ordni ta' prijorità

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Triq il-Kbira | Inclusive of storm relief project and both alleys |
| 2 | Triq Santa Marija | |
| 3 | Triq l-Annunzjata | from corner with Triq Wigi Ebejer to church parvis |
| 4 | Triq Kannizzata | |
| 5 | Triq Patri Guze Delia | |
| 6 | Triq Dun Gwann Zammit Hammett | |
| 7 | Triq Providenza | Inclusive of alleys |
| 8 | Triq it-Tlett Knejjes | |
| 9 | Triq Papa Alessandro VII | |
| 10 | Triq San Valentin | |
| 11 | Triq Sir M A Refalo | |
| 12 | Vjal il-Bon Pastur | |
| 13 | Triq Guzeppi Frendo | |
| 14 | Triq il-Barriera | |
| 15 | Triq Karenza | |
| 16 | Triq San Gabriel | |
| 17 | Triq Zekkuk | |